REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2042

tat-18 ta' Diċembru 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152 biex jiċċara l-kundizzjonijiet tat-test tad-WLTP u jipprevedi għall-monitoraġġ tad-*data* tal-approvazzjoni tat-tip

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(6) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex titqies id-differenza fil-livell tal-emissjonijiet ta' CO_2 stabbilita skont iċ-Ċiklu ta' Sewqan Ewropew Ġdid (NEDC) u dawk stabbiliti skont il-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata Fuq Livell Dinji Għall-Vetturi Ħfief (WLTP), iddaħħlet fis-seħħ metodoloġija għall-korrelazzjoni tal-valuri tal-emissjonijiet ta' CO_2 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 ([2]) fir-rigward tal-vetturi kummerċjali ħfief.

(2) Il-metodoloġija ta' korrelazzjoni għandha twassal riżultati li jiżguraw li r-rekwiżiti ta' tnaqqis stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 510/2011 ikunu ta' strettezza komparabbli skont il-proċeduri ta' ttestjar il-qodma u dawk ġodda. Għalhekk, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi, flimkien mal-manifatturi, għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li t-testijiet tad-WLTP u tal-NEDC li jitwettqu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jitwettqu f'kundizzjonijiet ta' ttestjar li huma komparabbli u koerenti mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

(3) Għal dak l-għan, jeħtieġ li jiġu ċċarati ċerti aspetti tal-kundizzjonijiet tat-test tad-WLTP li għandhom japplikaw għall-korrelazzjonijiet li jitwettqu bil-ħsieb li tiġi pprovduta *data* dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 tad-WLTP u l-NEDC għal vetturi li jiġu rreġistrati ġodda fl-2020. Dawk il-kjarifiki għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-proċedura u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ([3]), u mingħajr ma tiġi affettwata l-validità ta' ebda mill-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija fuq dik il-bażi.

(4) Jeħtieġ ukoll li fl-2020 tiġi ddeterminata d-differenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet ta' CO_2 iddikjarati mill-manifatturi għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tad-WLTP u dawk imkejla skont ir-Regolament (UE) 2017/1151. Għalhekk, il-manifatturi għandhom jintalbu jikkalkulaw u jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-valuri tas-CO_2 għad-WLTP għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fis-sena kalendarja 2020 billi jużaw il-valuri tal-kejl għall-vettura H u L bħala input għall-metodu ta' interpolazzjoni.

(5) Għal għadd limitat ta' familji ta' interpolazzjoni, fl-2020 se jkunu disponibbli biss valuri tal-kejl tal-vettura H. L-għadd ta' dawk il-familji għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib u l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li teskludi lil dawk il-familji mill-kalkolu tad-*data* ta' referenza tal-2020, jekk ikun hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' dawk il-familji meta mqabbel mas-sitwazzjoni fl-2018.

(6) Jenħtieġ li tittejjeb it-trasparenza fl-ittestjar tal-emissjonijiet, u għalhekk jenħtieġ li d-*data* dwar it-testijiet tad-WLTP u dik dwar ir-riżultati ta' korrelazzjoni tiġi magħmula disponibbli għall-Kummissjoni. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tidentifika malajr kwistjonijiet u inkonsistenzi possibbli relatati mal-implimentazzjoni tal-proċeduri, biex tindirizzahom. Għal dik ir-raġuni, il-matriċi tad-*data* tal-input għandha titlesta għal kull test tad-WLTP li jitwettaq u għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni fl-intier tagħha bħala parti mill-iskambju tad-*data* tal-għodda ta' korrelazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità, il-fajl tad-*data* tal-input għandu jiġi kriptat fid-dawl tat-trażmissjoni tiegħu.

(7) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

([1]) ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessal-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 293/2012 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 644).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiżdied l-Artikolu 6a li ġej:

"*Artikolu 6a*

Ir-rappurtar tar-riżultati tal-kejl tad-WLTP

1. Il-manifatturi għandhom jikkalkulaw il-valur ikkombinat ta' CO_2 għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-2020 skont il-formula stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.2.3.2.4. tas-Subanness 7 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151, fejn it-termini M_{CO2-H} u M_{CO2-L} għandhom, għall-familja ta' interpolazzjoni kkonċernata, jiġu sostitwiti bil-valuri $M_{CO2,C,5}$ meħudin mill-entrati 2.5.1.1.3 (vettura H) u 2.5.1.2.3 (vettura L) taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE, kif indikat fil-mudell stabbilit fl-Appendiċi 4 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1151.

Meta l-emissjonijiet ikkombinati ta' CO_2 tal-vettura individwali jiġu ddeterminati b'referenza għall-vettura H biss, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-valur $M_{CO2,C,5}$ meħud mill-entrata 2.5.1.1.3 (vettura H) taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

Il-manifattur għandu jissottometti dawk il-valuri tal-emissjonijiet ta' CO_2 u l-valuri $M_{CO2,C,5}$ użati għall-kalkolu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun irċeviet in-notifika tad-*data* provviżorja għall-2020, billi jtella' dik id-*data* fuq il-kont tal-manifattur fir-Repożitorju tad-*Data* tan-Negozju tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

2. Meta d-*data* msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix ippreżentata sal-iskadenza indikata, il-Kummissjoni għandha tieħu l-valur irreġistrat fl-entrata 2.5.1.2.3 taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE u tqis dak il-valur bħala l-emissjonijiet ta' CO_2 għall-finijiet tal-paragrafu 1 għall-vetturi kollha ġodda rreġistrati fil-familja ta' interpolazzjoni li għaliha jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, u fejn applikabbli għal dawk il-familji fejn huwa disponibbli biss kejl tal-vettura H."

(2) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Jiddaħħlu l-punti 2.2a. u 2.2.b. li ġejjin:

"2.2a. Kundizzjonijiet tat-test tad-WLTP

Sabiex it-test tad-WLTP jitqies rilevanti skont il-punt 2.2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u sabiex tiġi ddeterminata d-*data* tal-input stipulata fil-punt 2.4, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet tat-test stabbiliti fl-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 bil-preċiżjonijiet li ġejjin:

(a) Il-korrezzjoni tar-riżultati tat-test tad-WLTP għall-emissjonijiet tal-massa ta' CO_2 skont l-Appendiċi 2 tas-Subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 għandha tapplika għar-riżultati kollha tat-test bħal dawn minkejja d-dispożizzjonijiet tal-punt 3.4.4.(a) ta' dik l-Appendiċi;

(b) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/1151, jekk il-vettura tat-test tkun mgħammra b'teknoloġiji li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tagħha b'rabta mas-CO_2, inklużi, iżda mhux limitati għal dawk imsemmija fl-entrati 42 sa 50 tal-matriċi tad-*data* tal-input stabbiliti fil-punt 2.4, u li huma maħsuba biex jiffunzjonaw matul it-test, dawk it-teknoloġiji għandhom joperaw matul it-test tal-vettura, irrispettivament mill-proċedura ta' ttestjar applikata, jiġifieri l-NEDC jew id-WLTP;

(c) Jekk il-vettura tat-test tkun mgħammra bi trażmissjonijiet awtomatizzati għandha tintuża l-istess modalità li tista' tintgħażel mis-sewwieq, irrispettivament mill-proċedura ta' ttestjar applikata. Meta jintużaw l-aħjar u l-agħar modalitajiet tal-każ għat-test tad-WLTP, skont il-punt 1.2(c) tal-Appendiċi 6 tas-Subanness 8 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151, il-modalità tal-agħar każ għandha tintuża bħala input għall-għodda ta' korrelazzjoni kif ukoll għal kwalunkwe test fiżiku tal-NEDC;

(d) Jekk il-vettura tat-test tkun mgħammra bi trażmissjonijiet manwali, it-terminu $n_{min_drive_set}$ għandu jkun kif definit mill-formula stabbilita fil-punt (k) (3) tal-paragrafu 2 tas-Subanness 2 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151.

Bl-approvazzjoni tal-awtorità ta' approvazzjoni jew, fejn applikabbli, tas-servizz tekniku, il-manifattur jista' jikkalkula l-punti tal-bdil tal-gerijiet b'mod differenti, sakemm dan ikun iġġustifikat f'dik li hi l-kapaċità tas-sewqan tal-vettura, u li l-marġini ta' sikurezza tal-potenza addizzjonali applikat skont il-punt 3.4 tas-Subanness 2 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 ma jaqbiżx l-20 %.

Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) għandhom japplikaw għall-għan tal-korrelazzjoni mwettqa skont dan ir-Regolament, u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1151 u għall-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont dak ir-Regolament.

2.2b. Applikabbiltà tal-kundizzjonijiet tat-test tad-WLTP

Il-preċiżjonijiet imsemmija fil-punt 2.2a.(a) sa (d) għandhom japplikaw f'konformità ma' dan li ġej:

(a) Għal tipi ġodda ta' vettura, mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(b) Għal tipi eżistenti ta' vetturi, il-manifatturi, fir-rigward ta' dawk it-tipi ta' vetturi li jkopru l-vetturi li jiġu introdotti fis-suq fl-2020, għandhom jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni b'evidenza li fuq il-bażi tagħha l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tikkonferma jekk il-kundizzjonijiet tat-test imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-punt 2.2a. ġewx issodisfati fit-testijiet tal-approvazzjoni tad-WLTP.

Il-konferma għandha tindika l-identifikatur tal-familja ta' interpolazzjoni, u l-konferma fir-rigward ta' kull waħda mill-kundizzjonijiet tat-test imsemmija fil-punti (a) sa (d). L-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ il-konferma lill-manifattur u għandha tiżgura li l-konferma tiġi rreġistrata u li tkun tista' tiġi magħmula disponibbli mingħajr dewmien fuq talba tal-Kummissjoni.

Meta l-awtorità tal-approvazzjoni ma tkunx tista' tikkonferma li kundizzjoni tat-test waħda jew aktar tkun ġiet issodisfata, il-manifattur għandu jiżgura li jsir test ġdid tad-WLTP jew, fejn applikabbli, serje ta' testijiet, f'konformità mas-Subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151, li għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni ta' awtorità tal-approvazzjoni jew, fejn ikun applikabbli, ta' servizz tekniku, filwaqt li jiġu applikati l-kundizzjonijiet tat-test stabbiliti fil-punt 2.2a.(a) sa (d), għall-familja ta' interpolazzjoni inkwistjoni, inkluża korrelazzjoni ġdida f'konformità ma' dan ir-Regolament.

F'każ fejn il-kundizzjoni tat-test imsemmija fil-punt 2.2a.(a) biss ma tiġix issodisfata, il-manifattur jista' jikkoreġi dak il-valur fil-matriċi tal-input mingħajr il-ħtieġa għal test ġdid tad-WLTP.

L-awtorità tal-approvazzjoni jew, fejn applikabbli, is-servizz tekniku magħżul, għandu jirreġistra r-riżultati tal-ittestjar mill-ġdid jew tal-korrezzjoni u l-korrelazzjoni skont il-paragrafu 5 tal-Anness I, u l-fajl komplut ta' korrelazzjoni bbażat fuq id-*data* tal-input tal-ittestjar mill-ġdid għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni skont il-punt 3.1.1.2 sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2021."

(b) il-punt 2.4 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza li ġejja tiżdied mal-ewwel paragrafu:

"il-matriċi tad-*data* tal-input għandha timtela għal kull test tad-WLTP li jitwettaq."

(ii) It-Tabella 1 hija emendata kif ġej:

— fl-entrata 56, it-test fil-kolonna "Kummenti" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Firxa: Id-*data* tal-OBD u tad-dinamometru tax-xażi, 1 Hz għall-OBD u 10 Hz għad-dinamometru tax-xażi, riżoluzzjoni ta' 0,1 km/h"

— fl-entrata 57, it-test fil-kolonna "Kummenti" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Firxa: 1Hz. Bidla teoretika fil-gerijiet ikkalkulata li għandha tiġi pprovduta għall-vetturi H u L (jekk applikabbli)"

— fl-entrata 61, it-test fil-kolonna "Kummenti" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Firxa: 1Hz (frekwenza tal-kampjunar tal-istrument 20Hz), riżoluzzjoni ta' 0,1 A, apparat estern tal-kejl sinkronizzat max-xażi dinamometriku"

— L-entrata 67 hija sostitwita b'dan li ġej:

"67	K_i Fattur Riġenerattiv multiplikattiv/additti-v għall-vettura H u L	—	L-Appendiċi 1 tas-Subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151	*Fil-każ ta' vetturi mingħajr sistema b'riġenerazzjoni perjodika, dan il-valur huwa ugwali għal 1.*"

— Jiżdiedu l-entrati ġodda li ġejjin:

"69	Il-valur ta' tisħin tal-fjuwil	kWh/l	L-Appendiċi 2 tas-Subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151	*Il-valur skont it-Tabella A6. App2/1 fir-Regolament (UE) 2017/1151*
70	Il-konsum tal-fjuwil tat-test tad-WLTP għall-vettura H u L	l/100 km	Il-paragrafu 6 tas-Subanness 7 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151	*Konsum tal-fjuwil mhux ibbilanċjat tat-test tat-Tip 1*
71	Vultaġġ nominali tal-REESS	V	Skont DIN EN 60050-482	*Għal batterija b'vultaġġ baxx kif deskritt fl-Appendiċi 2 tas-Subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151*
72	Fattur ta' korrezzjoni tal-familja tal-ATCT	—	Is-Subanness 6a tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151	*Fattur ta' korrezzjoni tal-familja tal-ATCT (korrezzjoni ta' 14 °C)*
73	Korrezzjoni tal-veloċità u tad-distanza tat-test tad-WLTP	—	Ir-Regolament (UE) 2017/1151	*Saret korrezzjoni?* *0 = Le | 1 = Iva*
74	Korrezzjoni tal-RCB tat-test tad-WLTP	—	L-Appendiċi 2 tas-Subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151	*Saret korrezzjoni?* *0 = Le | 1 = Iva*
75	Numru tat-test tad-WLTP	1, 2 jew 3		*Indika jekk id-data tat-test hix qed tittieħed mill-ewwel, it-tieni jew it-tielet test tad-WLTP*
76	Il-valur iddikjarat tad-WLTP għall-vettura H u L	g/km	Dikjarazzjoni tal-manifattur	*Valur iddikjarat għall-vettura tad-WLTP H u L. Il-valur għandu jinkludi l-korrezzjonijiet kollha (jekk applikabbli)*
77	CO_2 imkejjel fid-WLTP, ikkoreġut għall-vettura H u/jew L	g/km	Valuri $MCO_{2,C,5}$ mill-Appendiċi 4 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1151	*Emissjonijiet ikkombinati tas-CO_2 imkejla għall-vettura H u L wara l-korrezzjonijiet applikabbli kollha. Fil-każ ta' 2 u 3 testijiet tad-WLTP, għandhom jiġu pprovduti r-riżultati mkejla kollha.*
78	Test mill-ġdid tad-WLTP	—	Il-punt 2.2b.(b) tal-Anness I	*Indika liema kundizzjonijiet tat-test, kif imsemmija fil-punt 2.2a. (a) sa (d) tal-Anness I, ġew soġġetti għal ittestjar mill-ġdid*"

(c) Il-punt 3.1.1.1. huwa emendat kif ġej:

(i) Il-punt (a) jitħassar;

(ii) Fil-punt (c), il-punt (iii) jinbidel b'dan li ġej:

"(iii) id-*data* tal-input kif speċifikat fil-punt 2.4.";

(iii) Jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-fajl ta' sommarju msemmi fil-punt (c) għandu jkun kriptat sabiex tiġi żgurat l-kunfidenzjalità."

(d) il-punt 3.1.1.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1.1.2. Fajl ta' korrelazzjoni sħiħ

Fejn ir-rapport oriġinali tal-output tal-korrelazzjoni jkun inħareġ skont il-punt 3.1.1.1., l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, jew fejn applikabbli, is-servizz tekniku magħżul, għandu jtella' l-fajl ta' sommarju msemmi fil-punt 3.1.1.1.(c) fuq server tal-Kummissjoni li minnu tintbagħat lura risposta lil min bagħatha (bis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni kkopjati), li jkun tinkludi numru sħiħ iġġenerat b'mod aleatorju fil-medda ta' 0 sa 99, kodiċi hash tal-fajl ta' sommarju li jorbot b'mod inekwivoku lil dak in-numru mar-rapport oriġinali tal-output iffirmat b'mod diġitali mis-server tal-Kummissjoni.

Għandu jinħoloq fajl ta' korrelazzjoni komplut mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, jew fejn applikabbli, mis-servizz tekniku magħżul, li għandu jinkludi r-rapport ta' korrelazzjoni oriġinali msemmi fil-punt 3.1.1.1 u r-risposta mis-server tal-Kummissjoni. Il-fajl għandu jinżamm mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip bħala rapport tat-test skont l-Anness VIII tad-Direttiva 2007/46/KE."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 2(c) u (d) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER